MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Numru 620/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa**
**V**

**TONY GAUCI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **TONY GAUCI** ta’ wiehed w ghoxrin sena bin Joseph u Spiridiona nee Gafa, imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 1984 u residenti ‘Tokai’, Triq l-Arznell, M’Xlokk, detentur tal-karta tal-identita numru 513284M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sebgha ta’ Frar 2006 fl-inhawi tal-Hamrun, ikkorrompa lil Nicolai Magrin, ezaminatur tas-sewqan impjegat mal-Awtorita dwar t-Trasport ta’ Malta [ADT].

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lil imputat ihallas l-ispejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti nkulz il-kunsens tal-Avukat Generali esibit fl-atti bhala dokument CSH 2 sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar d-disgha ta’ Ottubru 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lid-difiza tivverbalizza li “l-imputat kien kostrett, qabel ma ghamel l-attijiet li jiffurmaw parti minn din l-akkuza, u jiehu lezzjonijiet tas-sewqan ghal perjodu ta’ aktar minn sena, ghamel l-ezami tat-test tas-sewqan circa sebgha darbiet, u kull darba wehel u dan wara li kien hallas izjed minn elf lira ghal tali lezzjonijiet. Illi kien f’dan l-istadju li l-istess persuna li haditlu dawn il-flejjes li ssuggeritlu li jekk jghaddi somma flus, li kienet biss ta’ hamsin lira maltin, lil ezaminatur fit-test li jmiss, hu jghaddi, u hu effettivament hekk ghamel w ghadda”.

F'dawn ic-cirkostanzi, d-difiza issottomettiet li ghalkemm r-reat jissusti fic-cirkostanzi, tenut kont tal-koperazzjoni li mill-ewwel ta l-imputat lil pulizija, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din il-Qorti ghandha tkun l-inqas wahda li tista tinghata.

Semghet wkoll lil prosekuzzjoni tivverbalizza li "l-imputat taha l-koperazzjoni shiha tieghu u li l' quddiem jista jitressaq bhala xhud importanti hafna f'kazjijiet ohra li ser jitressqu, specjalment ghal fatt li l-ezaminatur in kwistjoni baqa qatt ma ammettiex li rcieva flus minghand l-imputat". Aktar minn hekk iddikjarat li mill-investigazzjonijiet mizmuma minnha, jirrizulta li l-modus operandi addattat mill-ezaminatur, fil-kaz odjern gie wkoll attwat f'kazijiet ohra.

Ghalhekk anke tenut kont tal-fatt li l-imputat hu *a first time offender*, u l-fatti specie tal-kaz kif prospettati mill-partijiet fil-verbal relattiv taghhom, il-Qorti thoss li m'ghandhiex taghti piena karcerarja izda ghandha timponi l-piena fil-minimu taghha.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikiekù huwa *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha hekk kif verbalizzat aktar 'l fuq u dan anke kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu stess a tempor vergine tal-investigazzjoni [dok CSH 3];

4. Il-fatt li l-istess imputat ghen lil prosekuzzjoni ssolvi aktar kazi ta’ korruzzjoni u li ser tressqu bhala xhud ewlieni taghha fil-kawzi l-ohra.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 120(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat TONY GAUCI hati tal- akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u dan fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi, ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn [2] mill-lum, taht is-supervizzjoni ta’ Probation Officer li ghandu jirrelata lil din il-Qorti kull sitt [6] xhur dwar l-andament tal-imputat probationer Tony Gauci.**

**Tordna li l-imputat probationer Tony Gauci sabiex jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Probation Officer li ser jigi nominat u fin-nuqqas il-Qorti tesigi li tkun infurmata minnufih.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat probationer Tony Gauci l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li hu jonqos li josservha.**

**L-imputat probationer Tony Gauci minn naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation ai termini tal-artikolu 11(5) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tissolecita lil istess Direttur sabiex jinnomina persuna li jkollha esperjenza dwar kif tittratta maz-zaghzagh, sabiex isegwi lil imputat probationer u b’hekk jinzamm boghod mill-hajja kriminali.**

**Il-Qorti rat li ma gie nominat ebda espert f’din il-kawza w ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tinghata lil istess imputat probationer Tony Gauci.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------